# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 14**

**Citaz. Nru. 2090/96GV**

**Doc. Nru. 59-01**

**Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 1998 l-atti gew assunti mill-Maltacom p.l.c.**

**vs**

**International Communications Corp.**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kienet b'effett mis-sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru, 1988 awtorizzat lis-socjeta' konvenuta accettanti, taghmel uzu mis-sistema maghrufa bhala 'MALTAPAC' Packet Switching Service u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt li kopja tieghu giet annessa u mmarkata bhala Dokument A;

Premess illi skond l-istess ftehim is-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont komplessiv ta' Lm1,193.43 (elf, mija u tlieta u disghin lira maltin u tlieta u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (calls) u 'rental' tal-istess sistema skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument B u cioe' 'statement';

Premess ukoll illi l-istess socjeta' konvenuta giet interpellata thallas is-somma msemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm1,193.43 (elf, mija u tlieta u disghin lira maltin u tlieta u erbghin centezmu) dovuta ghall-uzu (calls) u 'rental' in konnessjoni mal-istess sistema ta' Packet Switching;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-tmienja (8) ta' Marzu, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 36 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148(f) u tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati u ma huwa dovut ebda ammont mill-eccipjent stante pagament.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol. 52;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1,193.43 douvti ghall uzu (*calls*) u *rental* in konnessjoni mas-sistema ta' *packet switching*.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(f) u l-artikolu 2156(f) Kap 16 cioe' il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar ghal kera ta' hwejjeg mobbli u ta' hames snin. Inoltre eccepew li ebda ammont ma hu dovut stante pagament.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi nsegwitu ghas-sentenza prelimari ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2000 rega' xehed il- **P. L. Noel Scerri** li esebixxa prospett (Dok NS fol. 60) tal-kontijiet ghall-perjodu Lulju, 1991 sa April, 1994 biex jissostitwixxi dak a fol. 8 li gie prezentat mac-citazzjoni u qabel id-decizjoni preliminari ta' din il-Qorti fejn iddikjarat li t-talbiet attrici qabel Gunju, 1991 kienu preskritti. Ix-xhud esebixxa ittra a fol. 62 li l-konvenuti baghtu biex jitterminaw il-kuntratt izda din intbaghtet wara l-kont ta' *1st to 6th April, 1994* (fol. 9) li tieghu qed jitolbu l-hlas f'din il-kawza.

Il-konvenuti eccepew il-pagament izda ma gabu ebda prova dwar dan. Illi l-konvenuti kellhom igibu l-provi taghhom fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2000 fliema data l-konvenuti talbu differiment. Fid-19 ta' Jannar, 2001 il-konvenuti regghu ma gabux il-prova dwar il-pagament u l-kawza baqghet ghal finali trattazzjoni ghat-2 ta' Marzu, 2001. Dak in nhar il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza **in difett t'ostakolu** ghalkemm kien hemm talba ghal

differiment precedentement mill-konvenuti. Illi minn dan l-ahhar differiment sal lum ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex il-konvenuti jittrattaw jew biex il-konvenuti jipprezentaw nota. Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza.

Illi mill-prospett il-gdid li gie prezentat Dok. a fol. 60 jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenuti llum huwa ta' Lm255.92 . Dan l-ammont ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tilqa' t-talba attrici ghal Lm255.92, bl-imghax u bl-ispejjez kwantu ghall-tlett kwarti ghall atturi u kwart ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**